MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 832/2001/1

**Vincent Brincat
ezercenti taht l-isem Infocus Promotions**

**vs**

**Anna Caruana
ezercenti taht l-isem Plus Sizes**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz epprezentat mill-attur fl-1 ta' Ottubru, 2001, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta illi thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, seba' mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm4716.78) - bilanc ta' somma akbar ghax-xoghol ta' advertising u artwork, liema somma hija certa, likwida u dovuta.

Bl-ispejjez u l-imghax legali minn meta s-somma kienet dovuta kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti mhix debitrici ta’ l-attur fis-somma ta’ Lm4,716.78, imma f’ammont anqas.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja illi din il-kawza hadet ftit fit-tul minhabba l-kunteggi daqsxejn kumplikati illi rrizultaw fir-relazzjonijiet kummercjali li kienu jezistu bejn il-partijiet, bil-verbal tal-25 ta’ Gunju, 2003, il-partijiet qablu illi s-somma illi l-konvenuta ghandha thallas hija ta’ erbat elef, erba’ mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (LM4,416.78) dana wara ezercizzju komplikat u dettaljat fejn l-attur pprezenta dokumenti inkonfutabbli illi ma setghux jigu kontrastati mill-konvenuta. Fil-fatt din ta’ l-ahhar dejjem ammettiet illi kellha taghti xi ammont lill-attur. Tant hu hekk illi qalet fl-eccezzjoni taghha li l-ammont dovut huwa ferm anqas minn dak rikjest.

Irrizulta illi dana huwa minnu peress illi kien sar zball fejn kien hemm somma ta’ tlitt mitt lira (Lm300) illi ma gietx akkreditata lill-konvenuta. L-istess attur irrikonoxxa dan l-izball u accetta illi s-somma kellha titnaqqas b’dan l-ammont. Ma din id-dikjarazzjoni l-konvenuta accettat l-ammont kif ridott.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, accettata wkoll mill-attur, il-Qorti m’ghandhiex gahlfejn tidhol fid-dettal ghal dak illi huwa l-meritu u ser tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-ispejjez.

Fuq dan il-kap, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuta ghamlet hazin illi zammet il-pagament dan iz-zmien kollu. Jekk kien hemm xi ammont illi ma kienx *in dispute*, dana messu

thallas, fejn allur l-attur, bir-ragun adixxa din il-Qorti biex jiehu sodisfazzjon ta’ l-ammont kollu illi kien dovut.

Id-dokumenti illi gew ipprezentati f’dawn l-atti kienu kollha mghoddija lill-konvenuta, illi kieku riedet setghet tezaminhom u tasal ghall-konkluzjoni taghha minghajr ma kien hemm ghalfejn tidhol il-Qorti.  Dana ma ghamlitux, zgur sa’ l-istadju tal-prezentata ta’ l-avviz u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-maggjor parti ta’ l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu attribwiti lill-konvenuta.

Minn naha l-ohra, biex issir il-gustizzja, peress illi kien sar zball minn naha ta’ l-attur illi seta’ gie kkorregut mill-bidu nett, allura hawn hekk il-Qorti ssib illi l-eccezzjoni tal-konvenuta ghandha l-fondament taghha u allura jkun gust illi dina ma tigix attribwita bl-ispejjez kollha, izda biss b’porzjon illi din il-Qorti sejra tiffissa kwantu ghall-tlitt kwarti fuq il-konvenuta u kwart fuq l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur, tikkundanna lill-konvenuta illi thallsu s-somma ta’ erbat elef, erba’ mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,416.78) bilanc ta’ somma akbar ghax-xoghol ta’ *advertising u artwork*, liema xoghol sar fuq talba ta’ l-istess konvenuta.

Bl-isejjez, kwantu ghall-tlitt kwarti ghall-konvenuta u kwart ghall-attur u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta mid-data tan-notifika ta’ l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------